

Emenda 227/rev1
Christophe Clergeau
 f' isem il-Grupp S&D

Rapport
Jessica Polfjärd

A9-0014/2024

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
 (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *fejn xieraq*, pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ. ***Dan il-perjodu jista' jkun differenti mill-perjodu tal-awtorizzazzjoni. Jekk***, abbażi tar-riżultati ta' kwalunkwe ***rilaxx notifikat f'konformità mat-Taqsima 1, is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali***, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (d), ***l-applikant iqis li l-pjanta tal-NGT ma teħtieġx pjan ta' monitoraġġ, l-applikant jista' jipproponi li ma jissottomettix pjan ta' monitoraġġ.***

(b) pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ. ***Fil-każ li l-applikazzjoni tkun talba għal tiġdid, l-awtorità kompetenti tista' tipproponi***, abbażi tar-riżultati ***tar-rapport ta' monitoraġġ jew meta jitqiesu s-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali ta' kwalunkwe pjanta tal-NGT tal-Kategorija 2 rilaxxata jew ikel jew għalf li jkun fih pjanta tal-NGT tal-Kategorija 2 jew li jikkonsisti minnha***, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (d), li ma ***tkunx meħtieġa l-kontinwazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ.***

Or. en